MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 8 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 3 ta' Ottubru 2013 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

8.1.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 7 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

8.2 Arising Out

8.2.1 Il-BBQ ta' Jum l-Imdina kien success.

8.3 Korrispondenza batch 80 u 81

8.3.1 Ittra minghand TCTC dwar korsijiet tal-Computer .Qbilna li nitkellmu maghhom dwar possibilta li norganizzaw kors ghar-residenti;

8.3.2 Gejna infurmati dwar Kuncert li ser isir fil-Kattidral mil-Bank APS. Kien hemm talba dwar il-parkegg tal-VIP's , u xi vetturi ohra. Kien hemm qbil li nghatu permess u niddiskutu maghhom sabiex ma noholqux inkonvenjent ghar-residenti

8.3.3 Kellna talba minghand Odette Fsadni minhabba li kenet ser tizzewweg fil-gurnata tal-Festival Medjevali. Qbilna li niltaqghu sabiex niddiskuti id-dettalji.

8.3.4 Ircevejna korrispondenza dwar Move week li kienet ser tigi organizzata bejn 7 u 13 ta. Ottibru. Minhabba li ma kienx fadal zmien il-Kunsill ma kienx f'posizzjoni li jorganizza xi attivita '

8.3.5 Ittra minghand Dr Matia Vassallo ,Dipartiment tal-Artijiet dwar il-Possibilta li nohorgu sejha pubblika dwar mannigjar ghal Car Park il-gdida. Din it-talba giet michuda mid-Dipartiment. Kien hemm qbil li tintallab laqgha mas-Segretarju Parlamentari, Dr M.Farrugia fuq din.

8.3.6 Ittra mir-Regjun Trammuntana dwar servizz ta' Eco Wardens. Qbilna li nissugerixxu ronda filghodu kmieni minhabba il-hmieg tal-klieb.

8.3.7 Ittra minghand Cramel Abela , Durettur DLG dwar it-talba taghna ghal gemelagg mal-belt ta' Assisi. It-talba taghna kienet qed tigi evalwata

8.3.8 Talba sabiex naghmlu laqgha ma Drug Squad tal-Pulizija. Qbilna li din il-laqgha issir.

8.3.9 Kellna talba minghand Dun Manwel Attard Young Adult Education Resource Centre sabiex naccettaw xi studenti bi problem ghal Placement fil-Kunill. Minhabba li fil-mument kien hemm zewg persuni fuq skemi

simili, qbilna li din it-talba ma tigiex milqugha.

8.3.10 Kellna talba minghand WasteServ sabiex nippartecipaw f'kompetizzjoni dwar waste reduction. Qbilna li ma nippartecipawx

8.3.11 Ittra minghand Malta Marathon Organisation, dwar zewg Maratoni li ser jibdew mill-Imdina. Qbilna li nghatu permess bil-kundizzjoni li ma jinghalaqx l-ebda access ghal-Imdina.

8.3.12 Kellna talba min grupp ta' Zaghzagh li ser jorganizzaw maratona tal-Billiard sabiex juzaw it-Tomba ghal parkegg waqt il-Maratona ghal beneficjenza. Qbilna li nghatu permess u l-hlas tal-parker johorgu il-Kunsill.

8.4 PPP ghal Casino Notabile

8.4.1 Saret diskussjoni dwar Casino Notabile li kien fi stat strutturali hazin. Il-Kunsill ma kellhux il-fondi neccessarji sabiex jirrangah , izda kien qed jipproponi li tohrog sejha Publika ghal Partnership ma minn kien intreesat li juza il-post , bil-kundizzjoni li jidhol ghal-ispejjes sabiex nirrangawh.

8.4.2 PSM inform lil kunsill li kien ser ikollu laqgha mal-PS Dr Ian Borg u kien ser jiddiskuti din il-proposta

8.5 Harga Kulturali

8.5.1 Qbilna li norganizzaw Harga Kultural ghar-residenti fl-ahhar week end ta' Ottubru. Qbilna li nzuru Ghar Dalam u nieqfu ghal Kafe f'Marsaxlokk.

8.6 Affarijiet ohra meqjusa urgenti.

8.6.1 PSM ta' informazzjoni dwar laqgha li kellhu mas-SP Dr Ian Borg dwar il-possibilta li jghina fil-progett tat-Tinda tal-Karrozzini. Kien mahsub li dan il-progett jidhol parti mil-progett tas-Swar.

8.6.2 PSM informa lil Kunsill li kien rega beda jiltaqa l-Imdina Rehabilitaion Commettee li kien qed jiltaqa fil-Kunsill.

8.6.3 Fuq it-talba tal-BAG il-Kunsill qabel li jiffirma il-Local \Council Cycling Charter (Kopja annessa)

Gew approvati il-pagamenti skond l-iskeda numru 8/13

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ________________ |
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |